MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 5(2010), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, it-13 ta' April 2010, fil-5.00 p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Il-*Management Report* tal-Awdituri
6. *Road Humps* fi Triq Santa Katerina
7. Jum Marsaxlokk – Attivitajiet, Nominazzjonijiet għal Ġieħ Marsaxlokk u Rikonoxximenti
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Affarjiet Oħra

**2. <u>Qari tal-Minuti</u>**

**2.1** Nqraw il-Minuti tal-laqgħat nru. 3(2010) u nru. 4(2010) u dawn ġew approvati.

**3. <u>*Arising* mill-Minuti</u>**

**3.1** Ma kien hemm xejn *arising* mill-Minuti.

**4. <u>Korrispondenza</u>**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Dwar it-talba tas-Sinjura Maryrose Cutajar sabiex isir *resurfacing* f'Daħlet Ġużeppi Stagno, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikteb liċ-Chief Officer Roads and Infrastructure, Transport Malta, u jitolbu meta ser issir din it-triq u oħrajn li kellhom isiru qabel l-aħħar tal-2008. Kopja tal-ittra kellha tintbgħat lis-Segretarju Parlamentari, Dr Chris Said.

**5. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku**

**5.1** Nhar it-Tlieta, 6 ta' April 2010, il-Kunsill kien iltaqa' mas-Segretarju Parlamentari, Dr Chris Said, sabiex jiddiskuti problemi fl-allokazzjoni annwali mill-Gvern Ċentrali lill-Kunsill għas-sena 2010. Dr Said talab dettalji bil-miktub minghand il-Kunsill speċjalment rigward l-ispiża tat-tindif ta' wara l-Monti sabiex jikkunsidra għajnuna supplimentari lill-Kunsill.

**5.2** Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' April 2010, il-Kunsill kien iltaqa' mal-Ministru George Pullicino dwar il-kontinwazzjoni tal-proġett tat-tisbiħ tax-Xatt. Ġie miftihem li waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet fit-triq f'Xatt is-Sajjieda, Triq l-Arznell tinfetaħ *two-way* il-ġranet kollha tal-ġimgħa; il-*promenade* man-naħa tal-baħar ikun miftuħ biss għas-servizzi; u kellhom isiru arranġamenti ma' Transport Malta dwar ir-rotot tat-trasport pubbliku.

**5.3** Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' April 2010, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu ffirmaw il-kuntratt għall-ġbir ta' skart separat mal-kumpanija Green MT.

**6. Il-*Management Report* tal-Awdituri**

**6.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Management Report* tal-Awdituri u l-Kunsill ħa nota tal-kummenti dwar in-nuqqasijiet li nstabu u r-rakkomandazzjonijiet tal-awdituri.

**7. *Road Humps* fi Triq Santa Katerina**

**7.1** Il-Perit Lara Demicoli ta' Transport Malta kienet kellmet lill-Viċi-Sindku dwar il-*Road Humps* li kien hemm f'Triq Santa Katerina peress li kienet saret Mistoqsija Parlamentari dwarhom. Transport Malta ssuġġerew li terġa' ssir *raised plateau* fil-bidu tat-triq, kif kien hemm qabel pero' bit-tarmak.

**8. Jum Marsaxlokk – Attivitajiet, Nominazzjonijiet għal Ġieħ Marsaxlokk u Rikonoxximenti**

**8.1** Il-Kunsill qabel unanimament li Jum Marsaxlokk din is-sena jiġi pospost għal nhar il-Ħadd, 2 ta' Mejju 2010, sabiex jaħbat fl-istess ġurnata li għandu jinfetaħ uffiċċjalment il-Grawnd tal-Futbol ta' Marsaxlokk. Kellhom isiru arranġamenti mas-Surmast tal-Banda tal-Għaqda Mużikali Pompei sabiex il-programm mużikali li kien se jsir fil-25 ta' April 2010 jiġi trasferit ukoll għat-2 ta' Mejju 2010. Dan il-programm mużikali kellu jibda madwar l-10.00 a.m. wara l-quddiesa tad-9.00 a.m.

**8.2** Il-Kunsillier Cassar informa 'l Kunsill li l-Wirja tal-Artiġjanat ser issir fis-Sala Peter the Great bejn is-7 u d-9 ta' Mejju 2010.

**8.3** Is-Segretarju Eżekuttiv informa 'l Kunsill li l-Marsaxlokk Youths Talent Show ser issir nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Mejju 2010, fis-Sala tal-Iskola Primarja.

**8.4** Dwar Ġieħ Marsaxlokk, il-Kunsill qabel unanimament li din is-sena dan l-unur jingħata lil Robert Micallef, il-President tal-Marsaxlokk F.C.. Midalji ta' rikonoxximent kellhom ukoll jingħataw lill-*players* u membri oħra tat-*team* bħala apprezzament tar-rebħa tal-Marsaxlokk F.C. tal-kampjunat tal-Ewwel Diviżżjoni u r-ritorn tat-*team* fid-Diviżżjoni Premier.

## 9. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet

**9.1** Il-Kunsillier Grech, issekondat mill-Kunsillier Cassar, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| Allied Newspapers | Avviż Laqgħa Annwali | 86.14 |
| Allied Newspapers | Avviż San Girgor | 125.08 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli tal-Magħluq u tindif tal-*litter bins* ħdejn Binja Ħal Ġinwi, 28.12.09 - 13.02.10 (X8) | 139.76 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli Ġnien Ġuże' Cassar, Ġnien il-Familja u tindif tax-Xatt, 22.12.09 - 20.02.10 (X26) | 666.12 |
| Anġlu Cutajar | Tindif wara l-maltemp, 26 u 28 ta' Jannar 10 | 267.88 |
| Anġlu Grech - (Tal-Milord) | Konkos, bankina Triq Melqart (0365 - 11.03.10) | 260.19 |
| Anġlu Grech - (Tal-Milord) | Konkos, bankina Triq Melqart (0366 - 11.03.10) | 144.55 |
| Anġlu Grech - (Tal-Milord) | Konkos, bankina Triq Melqart (0381 - 18.03.10) | 289.10 |
| Asfaltar Ltd | Tarmak għal Triq Delimara, Triq Xrobb l-Għaġin u Xrobb l-Għaġin | 3027.29 |
| Bitmac (Works) Ltd | 20 boroż *Instant Road Repair* | 76.94 |
| Carmel Mifsud | Tindif wara s-suq ta' nhar ta' Ħadd Jan u Frar 10 | 2812.65 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Marzu 10 (40 hrs @ €5.83/hr) | 233.20 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 01.04.10 | 41.30 |
| Caruana Bros Diesel Station | Petrol għall-*generator* 08.04.10 | 15.00 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Marzu 10 | 1257.26 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Marzu 10 | 203.27 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Marzu 10 | 626.39 |
| Digitone Computers | Trasferiment tad-data għall-komputer ġgid tas-Seg. Eż. | 23.29 |
| Digitone Computers | Installazzjoni tal-kompjuter ġdid tas-Seg. Eż. | 26.11 |
| Digitone Computers | Tiswijiet tal-komputer | 23.29 |
| Director General (Works) | *Patching* Triq Delimara, Triq Xrobb l-Għaġin u Xrobb l-Għaġin | 1811.01 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Mar 10 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Marzu 10 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Marzu 10 | 58.23 |
| GO | 21659555, Marzu 10 | 22.99 |
| GO | 21652525, Marzu 10 | 294.24 |
| GO | 21650937, Marzu 10 | 68.19 |
| GO | 21652392, Kera April 10 | 15.03 |
| G4S | *Cash-in-transit* Marzu 10 | 30.44 |
| Gemma Cuschieri | Tinfif tal-Uffiċċju 11 Diċ 09 - 25 Mar 10 (X15) | 315.00 |
| Għaqda Kooperattiva tas-Sajd | *Safety Shoes* Anġlu Gafa' | 58.95 |
| Image Systems | Tiswijiet tal-*photocopier* | 20.61 |
| J & A General Operations | Trasport - ħarġa għall-Imdina | 82.60 |
| Jason Gauci | Gazzetti Marzu 10 | 83.17 |
| M.G. Pulis (Brumi) | Tiswijiet tal-pompa tal-ilma | 45.15 |
| Maria Dolores Maniscalco | Kotba għall-Librerija | 20.00 |
| Media.Link Communications | Avviż Laqgħa Annwali | 71.86 |
| Merlin Library | Kotba għall-Librerija | 239.20 |
| Merlin Library | Kotba għall-Librerija | 154.75 |

| | | |
|---|---|---|
| Merlin Library | *Stationery* | 21.36 |
| Miller Distributors | Kotba għall-Librerija | 163.07 |
| mita | *Support Services* 03.02.10 | 56.29 |
| mita | *Wide Area Connectivity* Apr - Ġunju 10 | 416.85 |
| Nexos | Manutenzjoni tad-dwal tat-toroq Frar/Marzu 10 | 462.27 |
| Nexos | Manutenzjoni tad-dwal tat-toroq Frar/Marzu 10 | 640.34 |
| Roc-a-go | Skip Triq Melqart 05.03.10 | 54.97 |
| Roc-a-go | Skip Triq Melqart 16.03.10 | 54.97 |
| SG Networks (Stefan Grech) | Tiswijiet tal-kompjuter tas-Sindku | 68.00 |
| Santa Lucia Products Limited | Figolli - rigali tal-Għid | 187.00 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 95.48 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 67.27 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 26.71 |
| Union Print | Avviżi għal San Girgor | 119.44 |
| WasteServ | *Landfill Tipping Fees* Feb10 | 1764.25 |
| WasteServ | *Bring-in-site* Feb 10 | 267.88 |
| | **Total** | **€23212.47** |

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**10. <u>Affarjiet Oħra</u>**

**10.1** Il-Kunsillier Grech staqsa jekk is-*service pillars* tad-dawl u tal-ilma għall-użu tas-sajjieda kienux ser isiru bħala parti mill-proġett tax-Xatt. Il-Kunsillier Pomroy infurmaħ li dawn kienu inklużi fil-pjan tax-xogħlijiet.

**11.** Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 25 ta' Mejju 2010.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**